Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 109/2004

**Ivan Camilleri**

**vs**

**Gino Cauchi bhala l-persuna responsabbli mix-Xandir ta' l-ahbarijiet ta' l-istazzjon televisiv Super One u Julia Farrugia bhala l-persuna li kitbet dan ir-rapport**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhomx tkunu kkundannati li jhallsu lill-attur is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni skond il-Ligi dwar l-istampa wara li jigi ddikjarat li ngurjaw u mmalafamaw lill-attur bir-rapport imxandar fil-bullettin ta' l-ahbarijiet fl-14 ta' Frar, 2004 fis-7.30 ta' filghaxija fuq l-istazzjon televiziv Super One u precizament it-test segwenti:
"vleggeg sparati waqt il-konferenzi ta' l-ahbarijiet. Lejn tmiem il-laqgha ta' Lawrence Gonzi, certi gurnalisti

b'simpatija lejn il-Vici Prim Ministru bdew jghinuh bil-mistoqsijiet bit-tama li jkun skreditat il-pubblikazzjoni ta' John Dalli fil-ktieb fejn jghid il-vizjoni tieghu.

F'hin minnhom gurnalista tax-xandir ta' l-istat (in pic) li huh jahdem fis-segretarjat ta' Gonzi hareg kopja ta' dan il-ktieb. Il-gurnalist staqsa lil Gonzi kif jahsibha dwar il-fatt li fil-ktieb ta' Dalli hemm affarijiet li mhux inkluzi fil-programm elettorali tal-PN. Gonzi qal li l-ktieb ma rahx imma qal li l-programm elettorali hu dak tal-Gvern biss u mhux dak ta' John Dalli jew ta' xi kontestant iehor.

Minn Naxxar, John Dalli kellu din ir-reazzjoni ghall-manuvra li ghaliha l-kamp ta' Gonzi ghamel uzu minn gurnalista tal-PBS (in pic).

'Jiena ma nafx minn kien dan il-gurnalist pero fil-fatt jien nahseb li qed nhawdu u nhalltu. Il-ghaliex dan mhux programm elettorali imma sempliciment elenku ta' hsibijiet li rridu naghmlu fil-futur. Jiena min jipprova jaghmel dawn it-tip ta' mistoqsijiet fl-opinjoni tieghi bilfors li jkollu xi agenda u jkun irid ihawwad l-imhuh'

John Dalli qal li jrid li l-kampanja tieghu tkun mibnija fuq il-kontenut u mhux fuq il-gimmicks u d-diceriji. Dan il-kumment ta' Dalli x'aktarx li kien indirizzat ghall-gimmick ta' Gonzi li ftahar li gabar 275 firma ghan-nomina tieghu. John Dali qal li fuq il-lista kien hemm spazju biss ghal 15 il-isem u hu ipprefera jhalli l-kulhadd fil-liberta biex ma jpoggi lil hadd fis-sitwazzjoni li jhossuhom mhedda. Dalli ikkonferma li fost il-persuni li nnominawh hemm Ministri li nizlu isimhom anki fuq il-lista ta' Gonzi. Interessanti li fil-ktieb ta' Dalli kien inkluz ritratt li juri lil John Dalli ma' Austin Gatt u Louis Galea. Fi zmien meta Gonzi ma kien jidher imkien fil-hidma tal-Partit Nazzjonalista. Il-messagg jinsab fir-ritratti.

Fin-Naxxar John Dalli iddikjara li jekk jinhatar kap tal-Partit Nazzjonalista jibqa jokkupa l-kariga sa ghaxar snin. Jghid li z-zminijiet inbiddlu u b'hekk wara li jwettaq xogholu jaghti opportunita' lil haddiehor'

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni

Ra wkoll in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konveunti fejn jesponu bir-rispett;

Illi r-rapport ta’ l-ahbarijiet indikat mill-attur ma fih xejn libelluz fil-konfront ta’ l-istess attur.

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, ix-xandira inkwistjoni tikkonsisti kemm f’rapportagg jew kronaka gornalistika kif ukoll f’espressjoni ta’ l-opinjoni u apprezzament, jew value judgement, tal-eccepjenti u hija fair comment fuq materja ta’ interess pubbliku, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta’ l-Istampa kemm taht il-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem. L-eccepjenti ghandhom dritt bhala gurnalisti li jezercitaw il-professjoni taghhom dwar materja ta’ interess pubbliku attwali .

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawza ta’ libell taht il-Liġi dwar l-Istampa Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta u titratta dwar rapportagg li ntwera fuq bulettin ta’ l-ahbarijiet fuq stazzjon lokali dwar zewg konferenzi stampa li saru b’rabta ma’ l-elezzjoni ghall-Kap tal-Partit Nazzjonalista fl-14 ta’ Frar 2004. Jirrizulta illi waqt l-ewwel konferenza stampa moghtija minn Dr. Lawrence Gonzi l-attur, bhala gurnalista tal-Public Broadcasting Services Ltd kien staqsa domandi bbażati fuq ktejjeb li kien kiteb l-kanditat l-iehor John Dalli, liema ktieb kellu jniedu fil-konferenza stampa tieghu skedata ghall-aktar tard u f’lok iehor.

Il-lanjanza tal-attur hija postulata fis-sens illi r-rapport mxandar fuq l-istazzjon Super 1 jallega illi gurnalista tax-xandir tal-istat li huh jahdem fis-segretarjat ta’ Dr. Gonzi ghamillu domandi bl-iskop li jagevolah u jiskredita lil John Dalli. Oltre dan, l-attur ihoss li inghata stampa li huwa kien parti minn manuvra ta’ kamp tal-kandidat Dr. Gonzi kontro l-kandidat l-iehor John Dalli;

Illi fix-xiehda tieghu l-attur isostni illi fiz-zmien li sar u xxandar ir-rapport *de quo*, hu kien impjegat bħala ‘Senior Journalist’ mal-Public Broadcasting Services Ltd (PBS) u f’dak iż-żminijiet, il-PBS kienet qed issegwi l-kampanja elettorali ghall-Kap ġdid tal-Partit Nazzjonalista. Xehed li fl-14 ta’ Frar 2004 hu kien ingħata x-xogħol li jsegwi ż-żewġ konferenzi stampa li kienu se jaghtu Lawrence Gonzi u John Dalli rispettivament. Hu qal li attenda ż-żewġ konferenzi stampa u għamel dawk il-mistoqsijiet li deherlu li huma relevanti. In kontro-eżami, ikkonferma li ħuħ kien impjegat bħala *Communications Co-ordinator* mal-viċi Prim-Ministru, li dak iż-żmien kien Dr. Lawrence Gonzi. Qal ukoll li fil-vesti tiegħu ta’ ġurnalista kien ikollu x’jaqsam ma ħuħ bl-istess mod li ġurnalisti oħrajn kien ikollhom x’jaqsmu miegħu. Kwantu jirrigwarda l-ktieb ta’ John Dalli, l-attur xehed illi dan il-ktieb kien fiċ-ċirkolazzjoni u kien ntbagħat fost ohrajn lil dawk li kellhom jivvutaw f’dik l-elezzjoni ghal kap tal-partit Nazzjonalista. Minkejja li l-ktieb ma kienx ghandu mniedi, kien ippubblikat u stampat. Sostna li d-domandi li għamel kienu parti minn kampanja ikkontestata u kienu rilevanti peress li John Dalli kien qed joħroġ il-programm tiegħu u ċaħad li hu seta’ għamel dawk id-domandi biex jagħti opportunita’ lil Lawrence Gonzi b’mod pubbliku biex jikkummenta dwar il-ktieb ta’ John Dalli qabel ma jkun mniedi l-istess ktieb fil-konferenza stampa ta’ wara. Fl-istess kontro-eżami, l-attur isostni li hu sofra ħafna ħsara minħabba r-rapport kif deher fuq l-istazzjon Super One u li kien propju waħda mir-raġunijiet għalfejn hu telaq mill-PBS u fl-istess waqt jghid ukoll telaq ghaliex kienet gietu opportunita’;

Leonard Callus impjegat bħala “co-ordinator news” mal-PBS u inkarigat mit-tqassim tax-xoghol lill-ġurnalisti xehed illi kien qassam dan ix-xogħol lill-attur u fil-każ de quo

ħadd ma kien avviċinaħ sabiex jagħti dan ix-xogħol speċifikament lilu. Oltre dan, ma kienx jagħti direzzjonijiet lill-ġurnalisti dwar it-tip ta' domandi li jridu jsiru;

Xehed ukoll Edgar Galea Curmi li qal li kien il-*campaign manager* ta' Dr. Lawrence Gonzi u li ma kien hemm ħadd bl-isem ta' Ivan Camilleri magħhom.  Xehed li hu qatt ma kellem lill-attur u ma jaf b'ħadd li kellem lill-attur dwar il-kampanja elettorali. Ikkonferma li qatt ma kien hemm kuntatti diretti ma' ġurnalisti ħlief fil-media events fejn kienu jsaqsu domandi lil Lawrence Gonzi.

Il-konvenut Gino Cauchi xehed illi dak iż-żmien hu kien jokkupa l-kariga ta' editur ta' One News u li kien ra r-rapport qabel ma xxandar. Sostna li l-ktieb ta' John Dalli, sa qabel it-tneddija tiegħu, ma kienx ħareġ fil-pubbliku u ma kienx lanqas għand il-ġurnalisti. Hu assenja ż-żewġ konferenzi stampa lil Julia Farrugia. Irrizultalu li waqt il-konferenza stampa ta' Dr. Gonzi, kien hemm l-attur li ħareġ il-ktieb ta' John Dalli u staqsieħ dwar x'jaħseb fuq il-kontenut tal-ktieb ta' Dalli meta dan anqas biss kien ghadu tnieda. Il-konvenut zied jgħid li waqt il-konferenza stampa ta' John Dalli, kienet saret domanda lill-istess Dalli dwar id-domanda li għamel l-attur lil Lawrence Gonzi u Dalli kien ikkritika l-ġurnalist li għamel dawn id-domandi. Xehed illi hu kien infurmat li f'okkażjonijiet oħra, xi persuni mill-kamp ta' John Dalli kienu kitbu lill-PBS fejn ilmentaw fuq il-mod kif kien qed jagixxi l-attur mal-istess kamp u saħansitra kienu talbu li l-attur ma jkunx assenjat biex ikopri l-kampanja elettorali ta' John Dalli. Kien fuq dawn il-fatti li saru r-riflessjonijiet fuq dak li kien ġara u li sussegwentement ixxandar dan ir-rapport fuq One News.

Julia Farrugia  ikkonfermat li hi kienet il-ġurnalista assenjata għal dawk iż-żewġ konferenzi stampa u li kitbet b'mod fattwali dak li kien ġara fiż-żewġ okkazzjonijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi jibda biex jingħad li l-Artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Istampa jekwipara xandira televiżiva ma' pubblikazzjoni stampata bid-differenza hi li fil-każ ta' xandira (radjufonika jew

viżiva) jkun bizzejjed li jintwera li din tkun ġiet trasmessa, u huwa immaterjali jekk fil-fatt tkunx ġiet riċevuta minn xi persuna jew le. Illi fil-każ in diżamina, m'hemm l-ebda konstestazzjoni dwar jekk ir-rapport *de quo* kienx xxandar o meno u b'hekk dan l-istess rapport jattira fuqu l-provedimenti ta' l-Att dwar l-Istampa. Il-Qorti tinnota wkoll li ma saret l-ebda kontestazzjoni mill-konvenuti għar-rigward tal-involviment tagħhom fil-każ de quo, senjtament illi Gino Cauchi kien l-editur u Julia Farrugia l-ġurnalista ma' One News.

Illi minn eżami tar-rapurtagg jemergi li dan ir-rapport jinqasam f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti hemm deskritt dak li allegatament għamel l-attur waqt il-konferenza stampa mogħtija minn Dr. Lawrence Gonzi filwaqt li fit-tieni parti hemm riportata ir-reazzjoni ta' John Dalli għal dak li seħħ fil-konferenza stampa ta' Lawrence Gonzi. Huwa f'din l-ewwel parti ta' dan ir-rapport, senjatament fl-ewwel tlett paragrafi, li l-konvenuti taw l-opinjoni tagħhom u li l-attur ħass li huma malafamanti u nġurjanti fil-konfront tiegħu;

Illi huwa pacifiku illi Ivan Camilleri kien ghamel xi domandi lil Dr. Gonzi marbuta ma' ktieb li kien kiteb John Dalli. M'huwiex ċar jekk dan il-ktieb kienx f'ċirkolazzjoni jew le u dana għaliex filwaqt li l-attur isostni li l-ktieb kien diġa f'ċirkolazzjoni ma' ċerti persuni fosthom anke ġurnalisti, Gino Cauchi jsostni li dan l-istess ktieb ma kienx għadu ġie f'ċirkolazzjoni. L-attur kien mistoqsi jekk kienx minnu li dan il-ktieb kien tqassam lil votanti tal-elezzjoni li kellha ssir ghall-kap tal-partit Nazzjonalista izda l-attur ghazel li ma jizvelax minn fejn kien akkwista l-kopja tieghu. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-fatt li Ivan Camilleri kien fil-pussess ta' dan il-ktieb m'huwiex relevanti għall-istħarriġ dwar jekk l-attur kienx tassew viċin Lawrence Gonzi jew le u dana għaliex huwa fil-mestjier ta' kull ġurnalist li jindaga u jikseb informazzjoni dwar dak li jkun qiegħed jistħarreġ;

Illi mill-assjem tal-provi, ma nġiebet l-ebda prova illi kien hemm xi arranġament sabiex l-attur jintbagħat isegwi l-konferenza stampa mogħtija minn Lawrence Gonzi. Di fatti, Leonard Callus xehed li x-xogħol kien iqassmu hu u qatt ħadd ma avviċinaħ sabiex jibgħat lill-attur biex ikopri

dawn il-konferenzi stampa. Jidher b'hekk illi d-deċiżjoni li l-attur isegwi ż-żewġ konferenzi stampa kienet deċiżjoni mehuda mid-diriġenti tal-PBS u ma ngiebitx prova li kien hemm l-influwenza ta' xi ħadd dwar dan. Jidher ukoll, mix-xhieda ta' Leonard Callus, illi l-attur kien liberu fid-domandi li deherlu li kellu jagħmel;

Illi għar-rigward ta' l-ewwel paragrafu tar-rapport de quo, l-attur qiegħed jilmenta mill-kliem "certi gurnalisti b'simpatiji lejn il-Vici Prim Ministru", fejn ir-rapport ikompli jgħid "bdew jghinuh bil-mistoqsijiet bit-tama li jkun skreditat il-pubblikazzjoni ta' John Dalli fil-ktieb fejn jghid il-vizjoni tieghu."

Fit-tieni paragrafu, l-konvenuti jagħtu deskrizzjoni fattwali ta' dak li seħħ waqt il-konferenza stampa mogħtija minn Dr. Lawrence Gonzi fejn filwaqt li jinghad illi hu l-gurnalist jaħdem fis-segretarjat ta' Lawrence Gonzi jinkwadraw l-istess attur fl-istampa viżiva;

Fit-tielet paragrafu tat-traskrizzjoni tax-xandira jinghad illi "*Minn Naxxar, John Dalli kellu din ir-reazzjoni ghall-manuvra li ghaliha l-kamp ta' Gonzi ghamel uzu minn gurnalista tal-PBS (In pic)*." It-teżi tal-konvenuti hi li l-attur serva bħala 'pupazz' għall-allegata manuvra magħmula mill-kamp ta dawk li jsostnu l-kandidatura ta' Lawrence Gonzi.;

Fl-eccezzjoni taghhom, il-konvenuti, jecepixxu d-difiza ta' "fair comment". Traccata din l-eccezzjoni fid-dawl tal-gurisprudenza insibu illi fil-kawża Joseph R. Darmanin vs Felix Agius, (Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar 2004) intqal li meta f'kawza ta' libell tiġi eċċepita d-difiża tal-'fair comment' jeħtieġ li jkunu ġew pruvati l-fatti tal-libell li dwarhom l-artikolist jew l-editur ikun qed jippretendi li għamel kumment li hu *bona fide*. Dan għaliex biex jingħata lok għal dan il-mezz difensjonali l-fatti jridu jkunu veri fil-kompletezza taghhom. "Jekk il-fatt ma hux veru, ma jistax ikun "fair" il-kumment għax ebda "comment" ma hu "fair" jekk ikun "built on facts not truly stated" (Thomas W. Hedley et noe –vs- Emmanuel C. Tabone et ( Appell Kriminali; 27 ta' Gunju 1953). Kien ritenut ukoll illi

"jinkombi ghalhekk fuq il-konvenut illi jipprova l-fatti specifici u determinati rakkontati jew kummentati minnu u li dwarhom l-attur ikun hassu libellat. Kif inhu sew affermat, jekk min bhal l-attur, jokkupa kariga ufficjali jew ta' riljev hu suggett ghal kritika, anke harxa jew pregudizzjevoli ghalih, daqstant iehor dan ghandu d-dritt li ma jkunx offiz fl-unur u r-reputazzjoni tieghu, u min jattakkalu dan il-gieh morali b'attribuzzjonijiet jew insinwazzjonijiet, irid, almenu sostanzjalment, jipprova l-allegazzjonijiet li jaghmel, biex ikun jista' jehles mir-responsabilita` tieghu quddiem il-ligi (Ara "Il-Pulizija –vs- Dr. Carmelo Caruana", App Krim, 14 ta' Awissu 1958 migjuba a Vol XLII pIV p1470.)";

Issa, kwantu l-ewwel paragraffu tat-traskrizzjoni esebita, din il-Qorti ma tistghax tifhem kif din il-parti tar-rapurtagg setghet tkun malafamanti fil-konfront tal-attur stante li ma saret l-ebda referenza ghalih partikolari izda ghall-"certi gurnalisti" in generali. Ghalhekk il-Qorti mhux takkolji t-talba fuq hekk;

Issa, jista' jkun li bid-domandi li l-gurnalist ghamel lil kandidat u mhux lill-iehor jew li ghamel lil wiehed u naqas li jaghmel lill-iehor, ir-ricevitur tal-fatt ihoss li b'hekk ikun vantaggjat wiehed mill-kandidati. Pero' dan jehtieg li jkun vist mill-ottika ta' dak li gara fil-mument tal-konferenza stampa. L-attur ma jinnegax illi huwa staqsa domandi lil Dr. Gonzi dwar il-ktieb ta' John Dalli. Anqas ma jinnega illi rrefera ghall-kontenut tal-ktieb bhala programm elettorali. Ghalhekk meta staqsa lil Dr. Gonzi x'kien il-kumment tieghu dwar il-ktieb ta' John Dalli, l-kelliem, li ddikjara li qatt ma kien ra l-ktieb, wiegeb b'mod illi strah fuq dak li ssugerielu l-gurnalista, jigifieri li John Dalli kien ippubblika programm elettorali ghalih. Din it-twegiba gia kellha l-effett illi ggib fix-xejn l-ktieb ta' John Dalli li kien ser iniedi f'konferenza stampa aktar tard matul il-gurnata ghaliex Dr. Gonzi wiegeb li l-"programm elettorali hu dak tal-Gvern biss u mhux dak ta' John Dalli jew ta' xi kontestant iehor". Fil-konferenza tieghu, John Dalli spjega li dak il-ktieb ma kienx il-programm elettorali tieghu izda "semplici elenku ta' hsibijiet li rridu naghmlu fil-futur". B'hekk il-kwalifika tal-ktieb bhala programm elettorali meta

fil-fatt ma kienx hekk, gja getah il-bibien ghar-reazzjonijiet opposti min minn setgha jaghmel kritika dwaru.

Kwantu dan it-tieni paragrafu ghalhekk wiehed huwa liberu li jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu ghaliex l-attur ghamel dik id-domanda lil Dr. Gonzi u rrefera ghal ktieb bhala programm elettorali li b'mod naturali ssollecitata r-reazzjoni kif registrata ta' Dr. Gonzi meta l-ktieb ma kienx programm elettorali. Il-konkluzzjoni li l-attur setgha ghamel din id-domanda biex jagevola lil Dr. Gonzi hija wahda li setghet tkun sorretta mill-pubbliku in generali u ghalhekk id-difiza ta' "fair comment" hija wahda li ser tintlaqa' minn din il-Qorti;

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi l-Qorti qed tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qed tichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------